



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2012/2191(DEC)

19.12.2012

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Eurojust għas-sena
finanzjarja 2011
(2012/2191(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Georgios Papanikolaou

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li l-kontijiet annwali tal-Eurojust jippreżentaw sewwa, f'kull rigward materjali, il-pożizzjoni tal-aġenzija fil-31 ta' Diċembru 2011 u li r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u tal-flussi tal-flus għas-sena li ntemmet f'dik id-data, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti l-kontijiet annwali tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2011 huma skont il-liġi u regolari f'kull rigward materjali;
2. Jiddispijaċih dwar il-livell għoli ħafna ta' riporti tal-Eurojust, li l-Qorti tal-Awdituri fir-rapport tagħha reġgħet, bħalma għamlet is-sena li għaddiet, iddeskrivietu bħala "eċċessiv"; jinnota li l-Eurojust jirrikonoxxi l-kumment tal-Qorti tal-Awdituri u ħa passi biex itejjeb it-tbassir baġitarju u l-implimentazzjoni tal-baġit; jitlob li l-Eurojust tieħu miżuri deċiżivi biex tevita riporti eċċessivi fil-ġejjieni;
3. Jieħu nota tal-kummenti tal-Qorti tal-Awdituri rigward xi regoli nieqsa dwar l-implimentazzjoni tar-regolamenti tal-persunal kif ukoll rigward nuqqasijiet fil-proċeduri ta' reklutaġġ; jiddeplora b'mod speċjali l-fatt li l-kompożizzjoni tal-bordijiet tal-għażla f' bosta każijiet ma' kinitx għalkollox skont ir-rekwiżiti tar-regolamenti tal-persunal u li fi proċedura waħda l-President tal-Bord kien is-superjur dirett tal-kandidat waħdieni li ġie mistieden għall-intervista u li sussegwentement intgħażel; jilqa' r-risposti tal-Eurojust li jindikaw li sejra tadotta r-regoli ta' implimentazzjoni kollha nieqsa u li ħadet miżuri korrettivi rigward il-proċeduri ta' reklutaġġ;
4. Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri reġgħet irrimarkat dwar il-ħtieġa li d-definizzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi bejn id-Direttur u l-Kulleġġ tal-Eurojust terġa' tiġi kkunsidrata; iħabbar l-intenzjoni tiegħu li jikkunsidra din il-kwistjoni fir-rieżami li jmiss tar-Regolament dwar l-Eurojust;
5. B'mod ġenerali jqis li għandu jkun hemm attenzjoni ulterjuri fuq l-awditjar tal-ġestjoni finanzjarja tajba tal-Eurojust, jiġifieri l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effikaċja li bihom il-Eurojust użat l-appropriazzjonijiet tagħha fit-twettiq tal-kompiti tagħha.